MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 459/2004

**Qorti Civili – Prim'Awla**

**Imhallef : Onor. Dr. Gino Camilleri, LL.D.**

**Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004**

**Citazzjoni numru 459/04 GC**

**Michael Attard Limited - C6093**

**vs**

**Emanuel Degiorgio**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi il-konvenut kien accetta u iffirma a favur tas-socjeta attrici diversi kambjali;

Illi l-konvenut illum jinsab debitur lejn is-socjeta attrici fis-somma ta' sebghat elef sitt mija u tlieta u erbghin lira maltin u disgha u sittin centezmu (LM7643.69) rapprezentanti bilanc ta' import ta' tlieta u tletin kambjala skaduti, accettati u iffirmati mill-konvenut;

Illi il-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dan id-debitu pero dan baqgha inadempjenti;

Illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta attrici l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq ghal-hlas ta' dan id-debitu;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu l67 – 170 tal-Kapitolu 12;

Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sebghat elef sitt mija u tlieta u erbghin Lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm7,643.69) rapprezentanti bilanc ta' import ta' tlieta u tletin kambjala skaduti, accettati u iffirmati mill-konvenut;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandati tas-sekwestru u qbid prezentati kontestwalment, u bl-imghax kummercjali mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagaementi effettiv kontra il-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet huma infodnati kemm bhala fatt kif wkoll bhala dritt stante li l-esponent kien hallas diversi pagamenti u qatt ma inghata l-kambjali lura imma semplici ricevuti u ghalhekk l-ammont kif indikat fic-citazzjoni mhuwiex dovut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2004;

Ikkonsidrat :

Is-socjeta attrici, fic-citazzjoni, ppremettiet li l-konvenut kien accetta u iffirma a favur taghha diversi kambjali. B'hekk is-socjeta attrici tippretendi li l-istess konvenut hu debitur taghha fis-somma ta’ sebghat elef sitt mija u tlieta u erbghin lira  maltin u disgha u sittin centezmu (LM7643.69) rapprezentanti bilanc ta’ import ta’ tlieta u tletin (33) kambjala skaduti, accettati u iffirmati mill-konvenut;

Mill-kumpless ta' provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jisthoqqilhom li jigu akkolti;

Il-konvenut eccepixxa li huwa kien ghamel diversi pagamenti u nghata biss ricevuti pero' qatt ma nghata lura l-kambjali li huwa kien skonta. Il-konvenut pero' naqas li jippresenta mal-eccezzjonijiet dawn ir-ricevuti u naqas ukoll li jippresenta xi tip ta' prospett biex jindika fid-dettall il-pagamenti li huwa qed jallega li ghamel. Inoltre l-konvenut naqas li jidher fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2004;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ sebghat  elef sitt mija u tlieta u erbghin liri maltin u disgha  u sittin centezmu (Lm7,643.69) rapprezentanti bilanc ta’ import ta’ tlieta u tletin kambjala skaduti, accettati u iffirmati mill-konvenut u dana bl-imghaxxijiet

kollha legali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagaement effettiv;

Spejjez kollha kontra il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------